Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u sebgħin (74) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024 fis-6.18pm, fl-uffiċini tal-Kunsill fi 30, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Membru |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Membru |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Membru |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| 74.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.<br><br>Is-SE talab lil dawk preżenti biex jiskużaw lill-kunsillieri li ppreżentaw ittra ta' apoloġija: is-Sra Doris Coleiro, is-Sa Janice Busuttil u s-Sur Norbert Grech. Din it-talba intlaqgħet u dawn kienu skużati. | Presedenza Apoloġiji |
| 74.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tlieta u sebgħin (73)**.<br>Il-minuti tal-laqgħa numru tlieta u sebgħin kienu approvati unanimament wara li dawn tresqu għal vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. | Minuti |
| 74.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 356 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 75**<br>Iċ-Ċedola tal-pagamenti 356 kif ukoll dik tal-*Works/Purchases orders* 75 kienu approvati unanimament. | Ċedoli tal-pagamenti u Works Orders |
| 74.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 74.04.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li jiġu mwieġba il-mistoqsijiet li saru bil-miktub mis-Sur Rudolf Grima dwar il-proġett tat-tisbieħ tal-Pjazza tal-Baħrija. Is-Sindku, talab li tkun ukoll sospiża l-laqgħa biex ikun jista' jitkellem il-Perit tal-Kunsill, il-Perit Charles Buhagiar dwar l-applikazzjoni.PA 3235/22. Il-Perit Charles Buhagiar flimkien mas-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellmu fit-tul dwar il-proposti kif kienu dak iż-żmien meta kienu inżammu ż-żewġ laqgħat pubbliċi man-nies fuq *facebook live*, l-applikazzjoni li kienet intefgħet fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll l-emendi li talbuna jsiru skont kif xtaqu l-entitajiet bħall-ERA u NGO's, fosthom Din l-Art Ħelwa. Dwar dan il-proġett hemm l-applikazzjoni f'isem is-Sindku, is-Sur Sandro Craus peress li fuq l-iżvilupp ta' uffiċini tal-Kunsill, sala u t-*toilets* li taħthom hemm il-garaxxijiet sotterranji, hemm ukoll il-ġnien pubbliku li se jkun qed jimmaniġġja l-Kunsill Lokali tar-Rabat. | Proġett tat-tisbieħ tal-Pjazza tal-Baħrija. |
| 74.05 | **Unaudited Financial Statements 2023** | Unaudited Financial Statements |

| | | |
|---|---|---|
| | Dawn kienu mressqa għall-Vot mis-Sindku, kienu ssekondati mill-Viċi Sindku u approvati unaniment kif bagħtithomlna l-Accountant tal-Kunsill, is-Sa Romina Perici Ferrante. | |
| 74.06 | **Talba għal refużjoni wara ħsarat ta' aċċident tat-traffiku – Triq it-Tiġrija**<br>Is-SE qal illi l-persuna li talbet kumpens ma ppreżentatx id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u barra minn hekk din it-triq għadha taħt garanzija ta' Infrastruttura Malta peress li hija waħda minn dawk l-aħħar li nksew bil-qatran. Għaldaqstant it-talba ma setgħetx tiġi kkunsidrata. | Aċċident tat-traffiku |
| 74.07 | **SPI/SCI/1/2024 - Xogħlijiet għal Żvilupp ta' Community Gardens**<br>Kien deċiż illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat japplika biex isiru xogħlijiet ta' tisbieħ fil-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet. Sadanittant, il-Perit Charles Buhagiar diġa' pprovdilna d-dikjarazzjoni fejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat m'għandux bżonn permessi mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar minħabba li dak li se jsir hu manutenzjoni normali. Is-SE qal illi din l-iskema apparentement hija waħda bħalma kienet dik tal-librerija pubblika fejn ftit tax-xhur ilu saret manutenzjoni billi nżebgħu il-ħitan, fost affarijiet oħrajn, bil-ħaddiema tal-Gvern u l-KLR ipprovdielhom il-materjal. | Manutenzoni tal-Housing Estate ta' Għajn Qajjet. |
| 74.08 | **SPI/SCI/2/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u Inklussivi**<br>Din l-iskema se jkun qed jieħu ħsiebha il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Kien hemm qbil li napplika fuq il-Binja tal-Kunsill biex issir ir-rampa u jerġa' jibda' jintuża l-bir. | SPI/SCI/2/2024 |
| 74.09 | **SPI/SCI/3/2024 - Lokalitajiet aktar Nodfa (proposta għal tisħib mar-Reġjun Punent)**<br>Is-SE mela l-applikazzjoni biex il-KLR jieħu sehem fil-kampanja *Clean Up The World 2024*. Hu qal illi għal din il-*clean up* hemm ivvutati €1,500 u jekk ningħaqdu mar-Reġjun Punent, nistgħu nibbenefikaw minn €3,000 oħra kemm-il darba titnaddaf zona permezz ta' gaffa u trakk jew *equipment* ieħor għat-tindif. Kien hemm qbil unanimu illi ningħaqdu mar-Reġjun Punent biex din l-inizjattiva tkun suċċess u fuq kollox tkun aktar effettiva. Se nikkomunikaw mar-Reġjun Punent dwar dawn l-arranġamenti. | Clean up the World – Settembru 2024 |
| 74.10 | **SPI/SCI/4/2024 - Fond ta' Manutenzjoni Proġetti Infrastrutturali Maġġuri tal-Gvern Ċentrali**<br><br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-proġett li applikajna għalih is-sena l-oħra. Hu qal li dan kien jikkonsisti fil-bdil ta' lampi uplighters fi Vjal Santu Wistin ma oħrajn dekorattivi fuq arbli apposta. Dan baqa' ma sarx għaliex il-kuntrattur li kien se jidħol għalih, marad. | SPI/SCI/4/2024 |
| 74.11 | **SPI/SCI/5/2024 - Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji**<br>Kien hemm qbil unanimu sabiex napplikaw mil-ġdid għall-attività kulturali Rabat Sacrum. Is-SE mela l-applikazzjoni skont kif kienet mimlija is-sena l-oħra biex issir attività simili din is-sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu għaliex din l-attività fir-Rabat kienet vetrina ta' dak kollu li għandna storikament, kulturalment u reliġjożament. Intant hemm skedat li ssir laqgħa dwar din l-attività mal-Cultural Manager tar-Reġjun Punent fil-preżenza tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-kunsillier responsabbli mil-Kultura, is-Sur Rudolph Grima. | Rabat Sacrum |
| 74.12 | **Ftehim dwar il-Vann tal-elettriku (Anzjanità Attiva)**<br>Il-KLR fela' l-kuntratt propost bir-reqqa li kien ċirkulat ma' din l-agenda. Il-qofol tal-kuntratt hu li l-vann tal-Kunsill iservi ta' trasport tas-Silver T. Il-KLR jekk jitħalla mid-Dipartiment Gvern Lokali peress li dan kien akkwistaħ minn skema tiegħu, se jislef il-vann lid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva. | Proposta biex il-Vann iservi mal-flotta tas-Silver T |

| | | |
|---|---|---|
| 74.13 | **Proposta ta' tismija ta' Triq il-Luq, Triq il-Muna u Triq il-Midra fil-Landrijiet u Sqaq is-Sagħtar fis-Santi.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel mal-proposta tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex jissemmew dawn skont kif propost. Dawn l-ismijiet il-ġodda fl-Andrijiet huma abbinati mal-għodda antika dedikata għall-ħidma tad-dries u kif kien isir il-proċess mill-fergħa tal-qamħ għad-dqieq. | Triq il-luq, il-Muna u l-Midra |
| 74.14 | **Kuntratt Day Centre**<br>Il-KLR se jġedded il-kuntratt tad-Day Centre mal-1st Rabat Scouts Group fil-binja tagħhom fi Triq Rudolph Saliba, ir-Rabat. Dan is-sit issa ilu jservi lill-anzjani Rabtin is-snin u minnu qed ikun hemm ħafna opportunitajiet biex l-anzjani jiltaqgħu b'mod soċjali . | Kuntratt tad-Day Centre |
| 74.15 | **Proposti mis-Segretarjat tal-Indafa Pubblika**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-laqgħa li kellhom hu u s-SE mal-Onor Glen Bedingfield fil-preżenza tad-Direttur, Indafa Pubblika. | Proposti mid-Dip Indafa Pubblika |
| 74.15.01 | **Tindif tat-toroq fil-Festa ta' San Ġużepp 2024**<br>Il-KLR qabel illi jibgħat it-talba lid-Dipartiment Indafa Pubblika biex ningħataw is-servizz tal-knis tat-toroq extra fil-festa ta' San Ġuzepp 2024. Dan fuq rakkomandazzjoni li kellna fil-laqgħa li kellhom is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Anthony Bonello. | Tindif fil-festa ta' San Ġuzepp |
| 74.15.02 | **Proposta ta' self mid-Dipartiment Indafa Pubblika ta' Electric Street Sweeper**<br>Id-Dipartiment Indafa Pubblika hu lest li jislef *electric street sweeper* lill-Kunsill Lokali Rabat biex jibda' jagħti dan is-servizz ta' knis permezz ta' makna elettrika. Din il-makna irid jinstabilha *garage* li fih ikun hemm il-kurrent biex tiċċarġja matul il-lejl. Dwar din il-proposta għadha ma tteħditx deċiżjoni. | Makna tal-knis tat-toroq elettrika |
| 74.15.03 | **Proposta ta' knis tat-toroq kuntrattwali mid-Dipartiment Indafa Pubblika.**<br>Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan peress li trid tiġi sagrifikata l-allokazzjoni finanzjarja li tingħata lill-Kunsill biex ikun sostnut dan il-kuntratt, li qalulna li se jkun immaniġjat minn 12-il kennies flok is-7 kenniesa li għandna bħalissa. | Knis ta' toroq |
| 74.15.04 | Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar inċident li kellha waħda li waqgħet fuq bankina u li kellha diffikultajiet f'irkoppitha. Il-Kunsill se jara ezatt fejn seħħ u naraw kif nistgħu nirrimedjaw bit-tiswijiet neċessarji (major patching). | Bankina mkissra |
| 74.16 | Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u l-Kunsill se jiltaqa' nhar l-10 ta' April 2024 fl-istess ħin. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum l-Erbgħa, 10 ta' April 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku